MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 2459/2000/1

**Brenda Micallef Grimaud ammessa ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000 (Nru. 34/00).**

**vs**

**Emanuel Micallef Grimaud u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2003 gew appuntati Dr. Vincent Galea u l-Perit Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Novembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu civilment fl-1 t'April 1995 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness li qed jigi mmarkat Dok "A".

Illi xi sitt xhur wara li sar dan iz-zwieg civili, il-konvenut zvela lill-attrici li huwa kien ghamel intervent kirurgiku ta' vassetomija fl-1990 u allura ma setax ikollu tfal aktar.

Illi dan il-fatt, li l-konvenut heba deliberament mill-attrici, jolqot wiehed mill-elementi taz-zwieg, u allura jigi li l-konvenut inganna lill-attrici dwar kwalita' li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-agir tal-konvenut jaghti lok ghal dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg minhabba li dak li hemm mahsub fis-**sub-incizi (c), (e) u (f) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255.**

Illi l-kontendenti sseparaw b'kuntratt tas-16 ta' Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella wara li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg civili li sar bejn il-kontendenti fl-1 t'April 1995 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta, minhabba r-ragunijiet kontemplati fis-**sub-incizi (c), (e) u (f) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 13 tal-process fosthom l-inkartament fejn l-attrici giet assenjata b'difensur ta' l-Ghajnuna Legali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-partijiet taw ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smiegh tal-

kawza, filwaqt li l-konvenut anke nghata kopja tac-citazzjoni attrici seduta *stante*.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 12 ta' Lulju 2001 fejn talab li jigi konsentit jintavola nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat il-verbali tal-25 ta' Settembru 2001 fejn b'referenza ghar-rikors tal-konvenut tat-12 ta' Lulju 2001 il-Qorti laqghet it-talba u prefiggiet terminu ta' ghoxrin gurnata sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu; u tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Beppe Fenech Adami bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-4 ta' Dicembru 2001 fejn talbet lill-Qorti tordna lil Dr. Frank Portelli sabiex jixhed quddiem l-Assistent Gudizzjarju u jipproduci d-dokumentazzjoni necessarja dwar l-intervent kirurgiku fuq il-konvenut Emanuel Micallef Grimaud li sar fil-Blue Cross Clinic, liema talba giet milqugha mill-Qorti fis-6 ta' Mejju 2003 wara li rat ir-risposta tal-5 ta' Mejju 2003 tal-kuratur deputat.

Rat il-verbali tas-17 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; u tas-17 t'Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed, u l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex wara tali terminu jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-partijiet.

Rat ir-rikors ta' l-attrici ipprezentat fit-30 t'Ottubru 2002 in segwitu tar-rikors precedenti dwar il-produzzjoni ta' Dr. Frank Portelli bhala xhud, liema rikors gie michud minn din il-Qorti b'digriet tal-31 t'Ottubru 2002 wara li kkonfermat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Frar 2003 fejn talbet in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Emanuel Micallef Grimaud fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-10 ta’ Marzu 2003 fejn laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Vincent Galea u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Marzu 2003; u tal-4 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’ghoxrin (20) gurnata ohra.

Rat in-nota t’osservazzjonijiet ta’ l-attrici datata 29 ta’ Settembru 2003.

Rat il-verbal tat-23 t’Ottubru 2003 fejn il-kuratur Dr. Vincent Galea ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jiffissa seduta ghall-provi kollha tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tat-21 ta’ Novembru 2003 a fol. 67 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 68 sa 70 tal-process,

Rat il-verbal tad-29 ta’ Jannar 2004 fejn l-attrici ddikjarat li m’ghandhiex provi izjed, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

**(i) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq l-**artikolu 19 (1) (c), (e) u (f) tal-Kap 255.**

Illi l-attrici tirreferi ghan-nullita' taz-zwieg a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u kif inghad fis-sentenza **"Michelle El Hossayes vs Pauline Mintoff"** (P.A. (RCP) 20 ta' Marzu 2003) il-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula *sive* Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-**paragrafu 19 (1) (c)** gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-**art. 981 tal-Kodici Civili** li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich P.J.*** **– Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** ***Caparros, E. et al. ed**) 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-

kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (e)** jikkontempla illi:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet ikun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg."*

Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg, pero' biss jekk jigu sodisfatti d-diversi kundizzjonijiet specifikati fil-ligi.

Illi l-ligi Taljana qabel ma giet emendata kienet tipprovdi fuq dan il-punt is-segwenti:-

*"Solo in presenza di due personalita' di grandissimo rilievo tale fusione potrebbe essere raggiuna prescindendo dal rapporto sesswale. L'impossibilita' della sua realizazzione importa, di regola, l'insorgere di tensioni, senz'altro contrarie all'ordinato svolgimento della convivenza e che nel migliore dei casi, danno luogo all'esistenza di un matrimonio di mera facciata."* (***Finocchiaro***, **Enciclopedia Del Diritto, Vol. XXV**, p.814).

Illi l-ligi nostrana ppreferiet taddotta l-kuncett ta' mpotenza bhala raguni ghal annullament taz-zwieg skond id-duttrina tradizzjonali taz-zwieg, u cjoe' li l-att sesswali huwa wiehed mill-elementi essenzjali fiz-zwieg u dan kuntrarjament ghal kuncett applikat fil-ligi Franciza u l-ligi Taljana li segwew id-duttrina li l-att sesswali mmirat ghall-prokreazzjoni tat-tfal mhux element essenzjali, izda huwa wiehed mill-elementi socjali li jgib mieghu z-zwieg.

Illi ma tezistix definizzjoni precisa tal-kelma *"impotenza"*, izda l-ligi Kanonika, kif ukoll civilisti maghrufa jiddistingwu bejn *"impotenza coeundi"* u *"impotenza generandi". **Dr. Richard Galea Debono*** fit-tezi tieghu **"A Review of the Marriage Act, 1975 and its Implications"** jiddefinixxi din id-distinzjoni fis-segwenti mod:-

*"The former referring to that part of the sexual act which depends on the active participation of the parties and referring to the stages of intromission and insemination; and the latter, which is often referred to as sterility, involving the internal and involuntary (i.e not under the will's control) biological processes which might lead to pregnancy".*

*"The purpose behind this distinction was to limit the purport of impotence to impotentia coeundi and to debar the declaration of nullity of a marriage where the party affected was not impotent, but merely sterile. Thus it is possible for the female spouse to be potent i.e capable of copulation, but sterile owing to lack of ovulation".*

Illi b'danakollu, l-**Att Dwar iz-Zwigijiet** ma jiddistingwix bejn *impotentia coeundi* u *impotentia generandi.* B'referenza ghal **artikolu 19 fl-Att Dwar iz-Zwigijiet** qabel ma saru l-emendi fl-1981, kien hemm dispozizzjoni *ad hoc* li kienet tirregola l-*impotentia generandi* u cjoe' l-isterilita'. Pero' din id-dispozizzjoni m'ghadhiex tezisti u ghalhekk wiehed jista' jinterpreta l-**artikolu 19 (1) (e)** fis-sens li tillimita ruhha ghal *impotentia coeundi.*

Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-**artikolu 19 (1) (e)** trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma' kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront ta' parti l-ohra.

Illi l-impotenza trid ukoll tezisti qabel iz-zwieg. F'dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mal-ewwel relazzjoni ntima bejn il-partijiet. M'huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif

ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 t' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' fictio seu ostensio falsi pro vero."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci*

*jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula lkunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*consortium vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-consortium vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-*

*consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *iuris tantum* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"**. pg. 151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi*

*eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' April 1995 u sas-16 ta' Settembru 1997 kienu gja' sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja redatt min-Nutar Nicholas Vella.

Illi hareg car mill-provi li tressqu li l-attur kien gja' mizzewweg qabel, u mill-ewwel zwieg kellu erbat'itfal. Huwqa ltaqa' ma' l-attrici u bdew jghixu flimkien, fejn f'dan iz-zmien anke kellhom tifel. Damu ghixu hekk mhux mizzewgin ghall-perjodu ta' ghaxar snin u cjoe' mill-1985 sal-1995. Huma zzewgu fl-1995, u kien wara li zzewgu li l-konvenut informa lill-attrici li huwa ma setax ikollu tfal minhabba ntervent kirurgu li huwa ghamel meta kienu gja' qed jghixu flimkien. Dan kien ghamlu minghajr ma qatt qabel uriha b'xejn, haga li kieku l-attrici kienet taf biha zgur li ma kienitx taghzel li tizzewgu. Tant hu hu li minn dan il-mument ir-relazzjoni bejn il-paritijiet sfaxxat, u spiccaw isseparaw. Wara dan l-incident l-attrici kellha zewgt itfal ohra minn persuna ohra.

Illi dan jinsab kkonfermat minn Dr. Frank Portelli li sostna li kien ghamel din l-operazzjoni ta' *vasectomy* fuq il-konvenut fis-sena 1991. Dan wara li l-konvenut urih b'din l-intenzjoni tieghu fejn anke pprezenta mara ohra bhala s-siehba tieghu biex taghti l-kunsens ghal dan l-intervent. L-istess kirurgu pero' fix-xhieda tieghu fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2003 ikkonferma li din il-mara ma kienitx l-attrici. Din l-operazzjoni rrendiet lill-konvenut sterili.

Illi minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut konxjentosament qarraq bl-attrici meta heba dan kollu minnha, u certament l-isterilita' mohbija tieghu hija kwalita' li setghet tfixkel u fil-fatt fixklet serjament il-hajja mizzewga. Dan aktar u aktar meta l-attrici dejjem uriet x-xewa li jkollhom izjed tfal mir-relazzjoni taghhom specjalment fiz-zwieg. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li

l-agir abbusiv tal-konvenut vvizzja l-kunsens ta' l-attrici a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255.**

Illi jinghad ukoll li l-attur kien konxju ta' dan kollu meta zzewweg lill-attrici u kien jaf li huwa qatt ma' seta' jkollu izjed tfal. Certament allura ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-kunsens tieghu kien vizzjat *stante* li huwa eskluda ghal kollox l-elementi ta' prokreazzjoni ta' wlied mir-relazzjoni tieghu ta' zwieg ma' l-attrici, liema element huwa wiehed essenzjali ghall-validita' taz-zwieg, u ghalhekk il-kunsens ta-konvenut kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenut illum assenti, **tilqa' talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg civili li sar bejn il-kontendenti fl-1 t'April 1995 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta, minhabba r-ragunijiet kontemplati fis-**sub-incizi (c) u (f) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif premess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti, b'dan pero' li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------